**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D; Barrister at Law (England & Wales)**

**Avviz Numru: 54/2018NL**

**Maria Carmela sive Mary Stoner (4224M)**

**Vs**

**Emanuel sive Leli Azzopardi (248162M) u Doris Azzopardi (16262M)**

Illum 11 ta' Lulju 2022

Il-Qorti:

**Premessi**

Rat ir-rikors tal-attrici Maria Carmela Stoner li permezz tieghu talbet li din il-Qorti tikkundanna lill-intimati ihallsuha s-somma komplessiva ta' €10,015.20 li jikkonsistu f'€4,680 f'self originali li l-attrici tat lill-konvenuti b'skrittura privata tal-1 ta' Marzu 1999, liema somma kellha tithallas fi zmien 3 snin bl-imghax ta' sitta fil-mija (6%) kalkolati mill-1999 sad-data tal-prezentata tal-avviz promotur, u liema skrittura giet firmata mill-intimat Emanuel

Azzopardi f'ismu personalment u f'isem martu l-intimata l-ohra. Bl-ispejjez, bl-imghaxijiet sad-data tal-hlas effettiv, u bl-ispejjez gudizzjarji inkluz l-ittra ufficjali taht il-Kapitolu 12.

Rat ir-risposta ta' Emanuel sive Leli Azzopardi fejn eccepixxa (i) l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-artikolu 2156 (e) tal-Kodici Civili (ii) l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-artikolu 2156 (d) tal-Kodici Civili; (iii) l-iskrittura in kwistjoni hija nulla stante li nieqsa minn wiehed mir-rekwiziti *ad validitatem*; (iv) minghajr pregudizzju u subordinatament, fil-mertu, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha ghaliex l-eccepjent mhuwiex debitur (v) it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha (vi) salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-risposta ta' Doris Azzopardi fejn eccepiet illi (i) preliminarjament it-talbiet tal-attrici huma preskritti ai termini tal-rtikolu 2156 tal-Kodici Civili (ii)subordinatament u minghajr pregudizzju it-talbiet tal-attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan peress li l-intimat Emanuel Azzopardi ghamel uzu minn prokura falsa miksuba b'qerq. Tant u hekk li permezz ta' ittra ufficjali, l-eccepjenti Doris Azzopardi kienet interpellat lil zewgha Emanuel Azzopardi biex jaghmilx uzu minn din il-prokura illegalment (iii)subordinatament u minghajr pregudizzju, skond id-disposizzjonijiet tal-Kodici Civili, fil-kaz ta' self ta' flus, l-interessi ma jistghu qatt jeccedu l-kapital. Salv eccezzjonijiet ohra. Bl-ispejjez.

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta tal-10 ta' Ottubru 2019 fejn il-Qorti cahdet l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tal-intimat Emanuel Azzopardi kif ukoll l-ewwel eccezzjoni ta' Doris Azzopardi u gie ordnat il-prosegwiment tal-kawza.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif ippresjeduta permezz tad-digriet ta' l-1 ta' Jannar 2020 mill-Prim Imhallef Emeritus Joseph Azzopardi LL.D.[1]

Rat illi waqt l-udjenza tas-6 ta' Lulju 2021, ir-rikorrenti Maria Carmela sive Mary Stoner iddikjarat il-provi taghha maghluqa, filwaqt li fil-11 ta' Jannar 2022 l-intimat Emanuel Azzopardi iddikjara l-provi tieghu maghluqa.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet tal-4 ta' Mejju 2022.

Semghet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokumenti kollha in atti;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawza giet imhollija ghal-lum ghas-sentenza u ma jirrizultax illi saret xi talba ghas-sospenzjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza jew li hemm xi impediment iehor ghall-ghoti tas-sentenza illum;

**Provi**

Il-kawza odjerna tittratta self li l-attrici tghid li ghamlet favur Emanuel Azzopardi u martu Doris Azzopardi. Dak iz-zmien, is-self kien ta' Lm2,000 u sar b'skrittura tal-1 ta' Marzu 1999, b'imghaxijiet ta' 6% fis-sena minn dakinhar sad-data tal-hlas effettiv. Il-hlas, skond l-istess skrittura, kellu jsir fi zmien tliet (3) snin u cioe', sas-sena 2002. L-attrici, li tispjega li hija z-zija ta' Emanuel Azzopardi, tispjega li hi kienet silfitu dawn il-flejjes biex jixtri xi makna ghas-sengha tieghu ta' mastrudaxxa. Hija tispjega wkoll li saret taf li l-intimat Azzopardi kien qed jghid li mhux ser ihallas, u barra minn hekk, li l-

[1] Folio 62 ta' l-atti processwali

attrici kellha thallsu ta' xi zewg *cupboards* zghar li kien hadmilha li baqa' ma tahiex kont taghhom ghax ma ried xejn.

Fix-xhieda taghha Doris Azzopardi tghid li hija ma kinitx taf li zewgha kien ikkontratta dan id-dejn, u li saret taf bih matul il-proceduri ta' separazzjoni taghha meta kien hemm l-attrici u spjegat li kellha tiehu xi flus minghand l-intimat Emanuel Azzopardi. Hi tghid li l-prokura ottjeniha b'qerq u li ma kinitx taf ghalxiex uzaha, tant li bghatitlu ittra ufficjali biex ma jkomplix juzaha fit-12 ta' Mejju 2000.

Xehed ukoll Joseph Azzopardi, hu l-intimat Emanuel Azzopardi. Ix-xhud jikkonferma li huwa jaf li z-zija tieghu silfet il-flus lil huh Emanuel. Hu jghid li ma jafx meta sar is-self, izda jaf li kienu Lm2,000. Ix-xhud jghid li meta mietet ommu, xi sentejn u tliet xhur qabel id-deposizzjoni, kien kellem lil huh u staqsieh hallasx lura lil zitu, izda dan kien wiegbu li ma kienx hallas peress li z-zija stess ma kinitx hallsitu ta' xi xoghol.

Xehedet ukoll in-Nutar Margaret Heywood fejn ikkonfermat li l-iskrittura preparata minnha u anke gharfet postilla bil-kitba taghha stess. Ix-xhud ma tiftakarx dettalji dwar meta gie ffirmat izda taf li l-attrici hija klijenta taghha u li kienet tghidilha li ghadu ma thallasx.

Xehed ukoll l-intimat Emanuel Azzopardi li jghid li huwa hadem xi xoghol tal-injam ghall-attrici.

In kontroezami, Maria Carmela sive Mary Stoner tghid hekk "*ghidtlu biex jaghmilli cupboard zghir ghax mhemmx fejn taghmlu, u l-hin kollu nghidlu ghidli kemm, ghidli kemm, u jghidli* ***jiena m'ghandix naghtik?*** *U qatt ma qalli kemm jigifieri.* Madankollu, ftit wara mistoqsija jekk allura hafritx dan id-dejn

minhabba x-xoghol li kien ghamlilha Emanuel Azzopardi, wiegbet fin-negattiv. Biss pero', in kontroezami l-attrici tikkonferma li kien hemm ghadd ta' xogholijiet ohra li ghamlilha l-konvenut Emanuel Azzopardi.

Anke l-intimat Emanuel Azzopardi, in kontrezami jikkonferma li hu kien ghamliha diversi bicciet ta' xoghol u bhal donnu jfiehem li l-ahhar bicca xoghol li kien ghad fadallu jaghmlilha kienet il-gwarnic ta' ritratt ta' San Pawl li huwa sahansitra jezebixxi fil-kawza. L-intimat jghid li b'dawn ix-xogholijiet kollha, fosthom poggaman tal-kewkba, xi bibien, fosthom wiehed ta' barra, u zewg *cupboards*, u dan il-gwarnic, kien ser ikun qata' d-dejn li huwa kellu ma' zitu.

**Ikkunsidrat**

Essenzjalment il-kawza tikkoncerna skrittura tal-1999, fejn l-intimati, allegatament ikkostitwew ruhhom debituri favur l-attrici ghas-somma ta' Lm2,000 b'imghaxijiet ta' 6% u liema somma kellha tithallas sa zmien 3 snin. Skond l-attrici din is-somma ma thallsitx u ghalhekk, sad-data tal-avviz promotur, talbet is-somma ta' €10,015.20. Din is-somma, jispjega l-avviz promotur, tikkonsisti f'€4,680 f'kapital, mentri l-bilanc, huma imghaxijiet li l-attrici kkapitalizzat fl-avviz promotur stess.

Jidher li d-difiza ta' Emanuel Azzopardi hija li hu mghadux debitur ta' zitu l-attrici, peress li kienu ftehmu li l-hlas isir b'xoghol. Jidher li l-intimat qieghed, ghalhekk, implicitament, jeccepixxi l-hlas.

Fis-sentenza **Dr Malcolm Pace vs Karl Azzopardi f'ismu proprju u ghan-nom ta' Fantasy Tours u ghan-nom ta' Kruger Holdings Limited u ghan-**

**nom ta' Fantasy Tours Limited Patricia Pace u b'digriet tat-18 ta' Ottubru 2011 gie kjamat in kawza Golden Travel Limited**[2] din il-Qorti kif presjeduta iddecidiet illi: "*huwa minnu illi fil-kors ordinarju tal-process min jallega l-pagament dan irid jissostanzjah - "la prova del pagamento e' a peso del convenuto che lo allega" - ara Azzopardi vs Cutajar, PA 30/06/1982, u l-gurisprudenza hemm kwotata. L-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza Cassar vs Agius, deciza fis-7 ta' Lulju, 1924, qalet li l-piz tal-prova tal-pagament hu fuq il-konvenut li jallegah u jekk ikun hemm xi dubju, dak id-dubju ghandu jigi risolut favur l-attur (ara wkoll Seychell vs Gabriele, PA 29/07/1982; Satariano vs Saliba, PA 01/10/1982; Scicluna vs Mizzi, Qorti tal-Kummerc 28/03/1988; u Scicluna vs Cutajar, PA 30/06/2000);*

*Biex jaghmel din il-prova l-konvenut mhux necessarjament ghandu jipproduci ricevuti. Provi ohra konvincenti jibbastaw skond ic-cirkostanzi u l-fatti tal-kaz li jkun, kif emergenti mir-rizultanzi processwali (Avv. J. Buttigieg noe vs Jos. Portelli noe, App Kum 26/01/1976; Joe Chetcuti noe vs Joseph Pearson et noe, App 05/10/1998). Kif professat fis-sentenza riportata Vol. XLIII.ii.624, "il-pagament jista' jigi provat bil-mezzi kollha ammessi u rikonoxxuti mid-dritt probatorju, jigifieri bi provi diretti, bhal dokumenti, xhieda, u l-konfessjoni talkreditur, kif ukoll bi provi indiretti, bhal ma huma l-prezunzjonijiet u l-indizji kapaci li jikkonvincu lill-gudikant"*

Hu fatt li hemm verzjoni konfilggenti mill-kontendenti jekk il-hlas tad-debitu accetat sehhx jew le. Kif qalet il-Qorti fil-kawza **Mercury Investments Limited vs Roberta Grech** deciza fil-21 ta' April 2016 liema sentenza nisslet il-principju applikabbli f'kaz ta' allegazzjoni ta' kreditu u eccezzjoni ta' hlas:

> *"Illi l-Qorti tifhem li, fil-kamp civili, il-piz probatorju mhuwiex dak ta' provi lil hinn mid-dubju ragonevoli. Izda fejn ikun hemm verzjonijiet li dijametrikament ma jaqblux, u li t-tnejn jistghu jkunu plawsibbli, il-principju*

[2] deciza fl-14 ta' Ottubru 2014 minn din l-Onorabbli Qorti kif presjeduta

*ghandu jkun li tkun favorita t-tezi tal-parti li kontra taghha tkun saret l-allegazzjoni*[3]*. Ladarba min kellu l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jsehhlux iwettaq dan, il-parti l-ohra ma ghandhiex tbati minn tali nuqqas u dan bi qbil mal-principju li actore non probante reus absolvitur*[4]*. Min-naha l-ohra, mhux kull konflitt ta' prova jew kontradizzjoni ghandha twassal lil Qorti biex ma tasalx ghal decizjoni jew li jkollha ddur fuq il-principju li ghadu kemm issemma. Dan ghaliex, fil-qasam tal-azzjoni civili, il-kriterju li jwassal ghall-konvinciment tal-gudikant ghandu jkun li l-verzjoni tinstab li tkun wahda li l-Qorti tista' toqghod fuqha u li tkun tirrizulta bis-sahha ta' xi wahda mill-ghodda procedurali li l-ligi tippermetti fil-process probatorju*[5]*. Fit-twettiq ta' ezercizzju bhal dak, il-Qorti hija marbuta biss li taghti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-ragunijiet u l-kriterju tal-hsieb li hija tkun haddmet biex tasal ghall-fehmiet taghha ta' gudizzju fuq il-kwestjoni mressqa quddiemha*[6]*;*

*Illi tajjeb li wiehed izomm ukoll quddiem ghajnejh li d-difiza tal-imharrka f'din il-kawza tissejjes fuq l-eccezzjoni tal-hlas imwettaq ("exceptio soluti");*

*Illi huwa maghruf li eccezzjoni bhal din hija wahda mit-toroq li bihom id-debitur ta' obbligazzjoni jista' jaghzel biex jehles minn talba tal-kreditur tieghu ghall-hlas ta' obbligazzjoni. Fiha nfisha, dik l-eccezzjoni timplika s-siwi tal-obbligazzjoni (art. 1147(1) tal-Kap. 16) u t-twettiq taghha min-naha tad-debitur (art. 1146 tal-Kap. 16). Billi l-hlas huwa wiehed mill-modi maghrufa mil-ligi (art. 1145(a) tal-Kap. 16) kif jintemmu l-obbligazzjonijiet, l-eccezzjoni tal-hlas, jekk tirnexxi, ggib maghha c-cahda tal-pretensjoni tal-kreditur li jibqa' jinsisti ghall-hlas (jigifieri t-twettiq tal-obbligazzjoni). Minhabba f'hekk ukoll – apparti mill-applikazzjoni tal-massima procedurali li min jallega jrid jipprova –*

[3] Ara per ezempju Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et (deciza mill-PA fit-28 ta' April 2004 [NC])
[4] Ara per ezempju, Col. Gustav Caruana nomine et vs Air Supplies and Catering Co. Ltd (deciza mill-PA fit-18 ta' Mejju 2009 [LFS])
[5] Ara Emanuel Ciantar vs David Curmi nomine (Appell, 19 ta' Gunju 2006)
[6] Ara Anthony Mifsud et vs Victor Calleja et (Appell Inf., 9 ta' Jannar 2008)

*meta d-debitur jallega l-hlas, jaqa' fuqu d-dmir li jissoddisfa lill-Qorti li dan kien tassew il-kaz, u ma jkunx l-obbligu tal-kreditur li jipprova l-kuntrarju. Biex tali eccezzjoni tilhaq l-ghan taghha, jehtieg ukoll li jintwera li l-hlas ikun sar lil persuna li tassew kienet awtorizzata bil-ligi li tircevih[7]; Illi meta d-debitur jallega l-hlas, jaqa' fuqu d-dmir li jissoddisfa lill-Qorti li dan kien tassew il-kaz, u ma jkunx l-obbligu tal-kreditur li jipprova l-kuntrarju. Ir-ricevuta hija l-aqwa prova tal-hlas, u fin-nuqqas ta' prova bhal din titnissel il-prezunzjoni li l-hlas ma jkunx tassew sehh. Jezistu modi ohrajn, madankollu, kif jista' jintwera bi prova ohra xierqa li l-kreditu tal-kreditur ikun thallas[8];*

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell tal-14 ta' Mejju, 2010, fil-kawża fl-ismijiet **Louis Zammit v. Maria Assunta Spiteri** jinghad:

*"Fil-gurisprudenza taghna dejjem gie ritenut li l-prova tal-pagament u/jew ta' l-eccessivita` tal-kreditu reklamat kienu certament jinkombu fuq il-konvenut li jallegahom; min jallega l-pagament ghandu jippruvah ghas-sodisfazzjon tal-Qorti (Vol. XLIX P II p 776). Fid-dubju u fin-nuqqus ta' ricevuta, ghandha tipprevali l-presunzjoni li d-dejn ma thallasx (Vol. XXXVII P I p 525), jekk ma jigix pruvat – kif del resto ma sarx f'dan il-kaz – b'mezzi ohra li l-attur huwa sodisfatt (Vol. XXXV P III p 604; Desmond Mizzi noe –vs- Patrick Filletti pro et noe, Appell, 28 ta' Jannar 2000).*

*13. Insibu wkoll li:*

*Essenzjali f'kawzi ta' din ix-xorta hi l-applikazzjoni bil-principju [recte: tal-principju] illi min jallega jrid jipprova. Il-prova incumbit ei qui dicit non ei qui negat. Fil-kaz taht ezami il-qofol tal-mertu hu l-eccezzjoni tal-konvenuti nomine illi huma hallsu dak*

7

8 Darmanin vs Muscat (Kollez. Vol. XLIX ii. 776) deciza mill-PA fit-23 ta' Frar 1965; u Appell Civili tal-5 ta' Ottubru 1998 fl-ismijiet Chetcuti et vs Pearson et noe (Kollez. Vol. LXXXII ii 317)

*kollu li kien minnhom dovut. Jeccepixxu allura l-pagament u kien jispetta lilhom li jippruvaw dan b'mod konvincenti u konklussiv."*

Relevanti wkoll hija l-ġabra ta' ġurisprudenza, fis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, deċiża fit-12 ta' Diċembru 2002, fil-kawża fl-ismijiet Joseph **Borg nomine v. Norman Buckle nomine et,** ikkonfermata minn din il-Qorti fil-prinċipju li, il-piż tal-prova tal-pagament hu fuq il-konvenut li jallegah u jekk ikun hemm xi dubju, dak id-dubju għandu jiġi riżolut favur l-attur.

Issa f'dan il-kaz din il-Qorti taghraf li huwa minnu li l-konvenut Emanuel Azzopardi wettaq xi xogholijiet ghall-attrici – uhud minnhom zmien ferm ilu. Madankollu, minnu nnifsu dan ma jfissirx li b'hekk huwa 'hallas' id-debitu mertu tal-iskrittura tal-1999.

Lanqas imqar jinftiehem il-valur tax-xogholijiet li gew maghmula mill-konvenut biex wiehed jifhem x'tip ta' 'hlas' qed jeccepixxi l-konvenut u jekk jikkombacjax mal-valur tas-self mertu tal-iskrittura.

Dwar l-eccezzjonijiet imressqa mill-konvenuta Doris Azzopardi, din il-Qorti tqis li dan mhuwiex il-forum appozitu sabiex jigu dibtattuti kwistjonijiet li jikkoncernaw krediti fil-konfront tal-komunjoni tal-akkwisti. Lanqas ma ghandha tkun din il-Qorti li tqis jekk dak id-dejn jidholx fil-komunjoni jew le.

Wisq anqas ghandha tkun din il-Qorti li tidhol f'kwistjonijiet ta' skritturi vizzjati gjaladarba l-ebda parti ma ressqet proceduri sabiex timpunja dak il-ftehim izda l-konvenuta ghogobha, merament, li tressaq eccezzjonijiet f'dan is-sens. Din il-Qorti taghmel referenza ghat-taghlim provdut mill-Qrati taghna dwar li tali dikjarazzjonijiet ghandhom jitressqu mill-parti li tallegahom

f'citazzjoni jew rikors guramentat, u mhux li jitressqu b'difiza ghat-talbiet ta' haddiehor.

Finalment, pero', din il-Qorti tqis li l-konvenuta ghandha ragun tghid li l-imghaxijiet ma jistghux ikunu iktar mill-kapital. Konsegwentement, l-attrici ma setghetx tikkapitalizza somma li tkun akbar minn €4,658.74 (ossija Lm2,000) u ghalhekk, it-talba taghha setghet tkun €9,317.48 biss.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, din il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut Emanuel Azzopardi, kif ukoll it-tieni eccezzjoni tal-konvenuta Doris Azzopardi, u wara li tilqa' t-tielet eccezzjoni tal-konvenuta Doris Azzopardi, tilqa' t-talba attrici limitatament u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attrici s-somma ta' €9,317.48, bl-imghaxijiet mid-data ta' l-avviz promotur tat-8 ta' Marzu 2018, u bl-ispejjez jithallsu kif gej, ottava (1/8) parti ghall-attrici, kwart (1/4) ghall-konvenuta Doris Azzopardi u hames ottavi (5/8) ghall-konvenut Emanuel Azzopardi.

**Dr. Nadine Lia**
**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**
**Deputat Registratur**